




LOKALI

# 22 żagħżugħ bid-dyslexia jieħdu sehem fil-programm Erasmus Plus

*MTELLA' 10 TA' LULJU, 2015*




***RAPPORT:*** *RUTH CASTILLO*



Tnejn u għoxrin żagħżugħ u żagħżugħa ta' bejn is-16 u t-18-il sena kollha bid-dyslexia, Maltin u Taljani, qed jieħdu sehem fil-programm ERASMUS plus tal-Unjoni Ewropea. Dan bil-għan li jtejbu l-ħiliet tagħhom fil-lingwi u l-interazzjoni personali u biex jaqsmu l-modi kif irnexxielhom jegħlbu d-diffikultajiet li ġġib magħha din il-kundizzjoni.

Id-DYSLEXIA taffettwa l-kitba u l-qari imma b'għajnuna speċifika m'għandhiex iżżomm persuna lura fil-ħajja. Kurt Mizzi, żagħżugħ ta' 17-il sena bid-dyslexia insista li d-dyslexia hija diffikultà u mhux diżabilità. Hu spjega li studenti bid-dyslexia jkunu jeħtieġu aktar ħin minn studenti oħra biex jitgħallmu.

"Ċertu studenti li jkollhom dyslexia at a high level ċertu nies jaraw kliem jiċċaqalqu jiġifieri l-qari jlaqlaq jew ma jarax il-kelma jfixkel il-b mad-d. Fil-kitba l-ispelling ma jkunx tajjeb u ovjament il-ħin l-istudent ikollu diffikultà fl-eżamijiet għax ma jlaħqux il-karta tal-eżami," spjega Kurt Mizzi.

Iridu nibdew konversazzjoni…. Iest li tismagħna? hija t-tema li għażlu 11-il żagħżugħ Malti li ħadu l-inizjattiva u ffurmaw il-grupp Dyslexic Teens Dialogue. Iż-żagħżagħ qed iduru l-iskejjel biex iżidu l-għarfien dwar din il-kundizzjoni.

"Nagħmlu talks lil-LSAs u t-teachers anki ltqajna mal-Ministru tal-Edukazzjoni biex nuruh x'nistgħu nagħmlu biex ngħinu lil tfal li għandhom profil ta' dyslexia," qalet Velentina Farrugia.

Permezz ta' fondi Ewropej, dawn iż-żgħażagħ qed jieħdu sehem fi programm ta' skambju ERASMUS plus.

"Ġew it-Taljani għal ġimgħa nuru affarijiet kulturali, affarijiet fejn jistgħu jieħdu gost, affarijiet fejn jistgħu jitgħallmu. Niddiskutu l-problemi tagħhom, il-problemi li niffaċ1jaw hawn Malta kif ukoll ħa nkomplu dan il-proġett barra minn Malta fl-aħħar ġimgħa ta' Lulju," qal Leah Gatt.

## AĦBARIJIET OĦRA



**Il-kaċċa fil-ħarifa mill-1 ta' Settembru**

*31 TA' AWWISSU, 2015*



**Aktar minn 13,000 familja bi dħul baxx se jirċievu l-benefiċċju supplimentari kollu s-Sibt**

*31 TA' AWWISSU, 2015*



**L-MUT diżappuntata bil-proposta li l-iskejjel jiftħu qabel biex tittaffa l-problema tat-traffiku**

*31 TA' AWWISSU, 2015*



**Ta' 10 snin iwaqqaf rekord tal-iżgħar tifel li qatt qasam il-fliegu bl-għawm**

*31 TA' AWWISSU, 2015*



**L-ewwel minn tliet 'supermoons' isaħħar l-udjenzi**

*31 TA' AWWISSU, 2015*




**Ħarsa lejn l-istejjer ewlenin fil-ġurnali**

*31 TA' AWWISSU, 2015*



**Nisa Maltin jgħinu tfajla mill-Malawi tkompli tistudja**

**għal infermiera**




NEWS BULLETIN 31/08/2015




L-AKTAR SEGWITI/ LI NQRAW



Isibu l-ferrovija tan-Nażisti mimlija deheb misruq wara tfittxija ta' 70 sena



"Tinstab" ras ta' skelettru f'kaxxa bil-bajja ta' Golden Bay



Jinżamm arrestat wara li seraq b'€2,400 fi flus u oġġetti



*30 TA' AWWISSU, 2015*

Fi tmiem din l-esperjenza ser jithejja dokument b' suġġerimenti kif l-awtoritajiet edukattivi f'Malta u l-Italja jistgħu jagħmlu l-ħajja aktar faċli għall-istudenti bid-dyslexia specjalment waqt l-eżamijiet.

Tweet 5 +1 0 Email

HOME | AGĦMEL KUNTATT MAGĦNA | SKEDA

PRIVACY POLICY | TERMS OF USE

This site uses cookies. Find out more about this site's cookies. ☒